MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Numru. 408/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Wayne Scott Schembri**

Il-Qorti

Rat lp-imputazzjonijiet dedotti kontra Wayne Scott Schembri ta’ 21 sena mwieled fis-7 t’Ottubru 1981 iben Ronald u Antoinette nee Xuereb uj joqgħod 152 Our Lady of Sorrows Street, Pieta’ u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 569481 (M)

Akkużat

**(a)** Talli fl-24 ta' Marzu 2003 u fil-ġimgħa ta' qabel din id-data forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

**(b)** Talli fl-1 ta' Mejju 2003 u l-aħħar tliet xhur ta' qabel din id-data fi żminijiet differenti b'atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kintix ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' Settembru, 2003, iċ-ċertifiakt tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tiegħu (fol.5), ir-rapport tal-Probation Officer, ir-rapport tal-Ispiżjar Mario Mifsud (li pero' jinsab fil-proċess li jġib in-numru 267/2003), il-proces-verbal (li jinsab ukoll fil-proċess li jġib in-numru 267/2003), (ara fol.20 ta' dan il-proċess), u l-istqarrijiet tal-imputat (fol 34 u 37).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2009, l-imputat irreġistra ammissjoni għal dawn l-imputazzjonijiet liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha.

Il-Qorti xorta waħda fliet il-proċess bir-reqqa b'mod speċjali l-istqarrija tal-imputat tal-25 ta' Marzu 2003. Fiha l-imputat ammetta li l-qratas kollha bl-eroina li kienu sabu l-Pulizija jew li tahom hu stess kienu tiegħu. Huwa qal ukoll li kien il-Furjana biex ibiegħ l-eroina u li huwa kien jixtri l-eroina Lm30 il-gramma. Minnha kien joħroġ sitt pakketti, ibiegħ tnejn jew tlieta minnhom u l-kumplament jużahom hu. Huwa kien ibiegħ l-eroina biex jissapportja l-habit tiegħu.

**Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, iż-żewġ imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.**

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll ir-Raba' u s-Sitt Taqsima, l-artikoli 22(1)(a), u 22(1)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Il-Qorti qed tqis li l-imputat issa għamel programm u skond ir-rapport tal-Probation Officer, l-imputat għamel progress ġmielu. Min-naħa l-oħra m'hemm ebda skuża għala wieħed jieħu d-droga jew ibiegħha. Mhix skuża li wieħed ibiegħ id-droga sabiex wieħed isostni l-habit tiegħu. (Ara: Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) versus Glenn Busuttil tal-15 ta' Jannar 2009 Qorti tal-Appell Kriminali – Imħallef Dr.Joe Galea Debono).

Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal xitt xhur priġunerija kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €467 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €50 fix-xahar. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jkunux tħallsu.

**L-Artikolu 533.**

Ai termini tal-arikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas ukoll l-ispejjeż tal-ħatra tal-espert li ammonta għal €436.36 fi żmien xahar mil-lum skond il-Liġi. Fin-nuqqas ta' dan il-ħlas din tinbidel f'jum priġuernija għal €11.65 mhux imħallsa. **(Nota: Minħabba li r-rapport kien inserit fil-proċess l-ieħor kontra l-imputat (267/03), il-ħlas m'għandux isir darbtejn)**

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------